# TGĦID NASLU LI NĦALLUH JERFA' FUQU L-MARD TAGĦNA?

**Il-Papa Franġisku, f'diskors li għamel lill-Kurja Rumana (22/12/2014) joffri "katalgu" ta' mardiet li abbli qed jaffettwawna fir-relazzjoni tagħna ma' Alla u ma' xulxin, u li l-fatt li nintebħu bihom kapaċi nitħejjew aħjar għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni:**

1. **Li nħossuna "immortali" jew "indispensabbli".**
2. **Ix-xogħol żejjed - "martaliżmu" (li nsiru bħal Marta, oħt Marija).**
3. **L-"ebusija" mentali u spiritwali, li juru suppervja (ara Atti 7:51).**
4. **L-ippjanar żejjed / funzjonaliżmu.**
5. **Il-Kordinament ħażin, li jeqred l-għaqda.**
6. **L-"*alzheimer* spiritwali": ninsew l-istorja personali tagħna mal-Mulej.**
7. **Ir-rivalità, l-vanaglorja, l-apparenza.**
8. **L-iskizofrenija eżistenzjali: il-ħajja doppja, frott l-ipokrezija.**
9. **Is-seksik, d-diskors minn taħt, u t-tpaċpiċ fieragħ fuq l-oħrajn.**
10. **L-adorazzjoni ta' min hu fl-awtorità bl-iskop ta' benefiċċji prefenzjali.**
11. **L-indifferenza lejn l-oħrajn billi naħsbu biss fina nfusna.**
12. **Il-wiċċ ta' persuni goffi u severi, donnu tal-funerali.**
13. **It-trekkin tal-ġid b'mod eċċessiv.**
14. **Il-klikek jew ċrieki magħluqa.**
15. **Il-qliegħ tad-dinja u esebizzjoniżmi: meta s-servizz jinbidel f'poter.**





PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
KONVERŻJONI TA' SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# X'NITGĦALLMU MINN SAN ĠUŻEPP?

Imma kif San Ġużepp qatt ma nsibuh jgħid kelma? Nistħajjel lil xi wħud minnkom jgħidu: Huwa ma' mara tista' tfendi waħda? Żgur li Marija ma kinitx mit-tip ta' nies li ma tħallikx titkellem; magħha San Ġużepp seta' jitkellem u jiftiehem kemm irid. Imma bħal donnu ejjew nagħrfu li għal Ġużeppi, il-kliem ma kienx importanti wisq.

***San Ġużepp fl-Evanġelji***

Fil-Evanġelji, Ġużeppi jidher biss fil-bidu tal-ħajja ta' Ġesù. Filwaqt li f'San Luqa, it-tħabbira tat-twelid ta' Ġesù issir lil Marija, f'San Mattew insibu l-attenzjoni mitfugħa fuq Ġużeppi. L-ewwel u qabel kollox, huwa jgħaqqad lil Ġesù mar-razza ta' David, li minnha kellu jitwieled il-Messija. Kien hu li ġie fdat bil-missjoni li, wara li Marija twelled, jagħti l-isem lit-tarbija: *"u int ssemmih Ġesù."* [Mt 1:21]



Kien hu li kellu jgħix mal-Verġni mbierka din il-ġrajja straordinarja li taqliblu 'l ħajtu ta' taħt fuq, avolja kien lest li jitlaqha u li jħarbat il-pjanijiet li kien għamel li jqatta' ħajtu magħha. Aktarx li Ġużeppi ma kienx ir-raġel xiħ li nsibu fil-pitturi, imma raġel mimli enerġija u proġetti. Id-dehra li kellu fil-ħolm twaqqaflu l-ħsieb li jibgħat lil Marija baxx baxx u tagħmel minnu raġel li jobdi l-pjan ta' Alla. Huwa jsir strument essenzjali biex Ġesù jkollu post fis-soċjetà ta' żmienu ġaladarba huwa jrabbih bħala ibnu.

Ġużeppi kien josserva sew il-liġi Lhudija, umli, ġust u jħobb lil Marija. Raġel normali li f'daqqa waħda sab ruħu quddiem ħaġa li ma setax jifhem. Fil-mument li fih iddeċieda li jibgħata bil-moħbi tan-nies, Alla jurih il-missjoni tiegħu: li jsir parti minn dak li kien qed jiġri, li jakkumpanja, li jrabbi. U hu jgħid iva fis-skiet, mingħajr ma jlissen kelma. Lanqas insibu l-kliem ta' kunsens ta' Ġużeppi imma biss li: *"Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej u ħa lil martu għandu"* [Mt 1:24]. U hekk, Ġużeppi ħa r-rwol ta' ġenitur li jgħin Marija u lit-tifel: fittex post fejn Ġesù seta' jitwieled, ħa ħsiebu, salvalu ħajtu meta ħarbu lejn l-Eġittu, għenu jikber, u għallmu fis-skiet.

***Is-skiet ta' San Ġużepp jikxef l-Għerf u l-Paċenzja***

Il-Papa Franġisku, li lkoll nafu li għandu devozzjoni u mħabba speċjali lejn San Ġużepp, jgħid li dan ir-raġel ġust u qaddis għandu x'jgħallimna ħafna mill-fatt li ħalla lil Ġesù jikber fis-skiet. Aħna, min-natura tagħna, spiss inkunu rridu ndeffsu mneħirna fl-affarijiet tal-oħrajn: *"Dak għax qed jagħmel hekk? L-ieħor x'qed jagħmel?"* U nibdew nzekzku. Imma Ġużeppi le. Huwa għen, rabba u ħa ħsieb lil Ġesù fis-skiet. Bħala ġenitur, Ġużeppi akkumpanja wkoll lil Ġesù. Ħafna drabi, il-ġenituri jaraw lil uliedhom jiżbaljaw; xi drabi jkellmuhom iżda drabi oħra jindunaw li aħjar iżommu u jaġixxu fis-skiet. Dan huwa l-għerf tal-ġenituri li jafu jedukaw, li jafu jistennew il-mument it-tajjeb biex fih jitkellmu: ma jaqbdux u jibdew jgħajtu mill-ewwel, iżda jistennew il-mument li fiha jkunu jistgħu jgħidu kelma li tkabbar. Huwa l-mod li bih Alla jimxi magħna, il-paċenzja ta' Alla: li jibqa' jissaporti lill-bniedem, iħallih fil-libertà, anke jħallih jiżbalja, imma dan sa' ma jsib il-mument it-tajjeb li fih jintervjeni. F'dan iż-żmien fejn kulħadd irid jgħid tiegħu, fejn donnu iktar ma nagħmlu ħoss iktar naħsbu li qed inkunu stmati, Ġużeppi jistona u jisfidana bis-skiet tiegħu. Għalih il-kliem donnu mhux importanti daqs l-integrità u l-umiltà. Seta' tkellem kemm ried; seta' xandar mal-erbat irjieħ dak li kien ġara lil Marija ... iżda Ġużeppi jagħżel li jiskot.

***Jikxef ukoll is-Serħan u l-Fiduċja f'Alla***

Dan l-aħħar ninnutaw ukoll li diversi drabi San Ġużepp qed jiġi muri lilna f'xi xbiehat bħal rieqed. Anke Papa Franġisku għandu tassew għal qalbu statwa tiegħu hekk, rieqed! Iżda ejjew nagħrfu li din ir-raqda ma tfissirx għażż jew għeja, imma raqda fejn fiha Alla jikkomunika miegħu; raqda ta' esperjenza mistika. Ġużeppi huwa dak li jirċievi l-kelma ta' Alla bil-lejl. Fih naraw il-kapaċità li jidħol fil-qalba tal-misteri mingħajr ħafna diskors. Il-vanġeli apokrifi jżidu ħafna dettalji dwar Ġużeppi, iżda hemm wieħed imsejjaħ il-vanġelu ta' Ġużeppi l-mastrudaxxa li jurina wkoll il-mewt tiegħu. Din id-darba, hekk kif naraw anke fi kwadru sabiħ li għandna fil-knisja parrokkjali tagħna, Ġużeppi wkoll jinsab mimdud, iżda bħallikieku fiċ-ċpar li juri tmiem il-ħajja, u maġenbu għandu lil Ġesù. Ġużeppi jlissen l-aħħar kelmiet dwar Marija: *'Ħabbejt lil din il-mara b'ħafna tenerezza'* u jmut.

Jalla San Ġużepp, li niċċelebrawh b'mod partikulari f'dan ix-xahar, fid-19 ta' Marzu - u li din is-sena qed infakkru l-150 sena minn meta l-Beatu Papa Piju IX ipproklama lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali - jkun għalina mudell ta' skiet, ta' ħafna mħabba, u ta' qadi umli tar-rieda ta' Alla.






***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***

Angela Cachia
Sharon Bonnici
Chantelle Chetcuti

***Nitolbu għalihom!***





# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Marzu 2020

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 1 ta' Marzu | **L-Ewwel Ħadd tar-Randan** |
| Il-Ġimgħa 6 ta' Marzu | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 8 ta' Marzu | **It-Tieni Ħadd tar-Randan** |
| L-Erbgħa 11 ta' Marzu | *Anniversarju Saċerdotali:*<br>Dun Karm Zammit: 53 sena (1967) |
| Il-Ħadd 15 ta' Marzu | **It-Tielet Ħadd tar-Randan** |
| It-Tnejn 16 u l-Erbgħa 18 ta' Marzu | Mis-6:30pm sas-7:00pm - Quddiesa<br>Mis-7:00pm sas-7:30pm - ***Eżerċizzi għal Kulħadd*** |
| Il-Ħamis 19 ta' Marzu | **Solennità ta' San Ġużepp, ir-Raġel ta' Marija, Omm Alla** |
| Il-Ħadd 22 ta' Marzu | **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan** |
| It-Tnejn 23 ta' Marzu | Fil-4:45pm - L-Ewwel Qrara fil-knisja parrokkjali. |
| Mit-Tnejn 23 sal-Erbgħa 25 ta' Marzu | Filgħodu - Eżerċizzi għat-Tfal tal-Iskola Primarja |
| It-Tnejn 23 u l-Erbgħa 25 ta' Marzu | Mis-6:30pm sas-7:00pm - Quddiesa<br>Mis-7:00pm sas-7:30pm - ***Eżerċizzi għal Kulħadd*** |
| L-Erbgħa 25 ta' Marzu | **Solennità *tat-Tħabbira tal-Mulej - Il-Lunzjata*** |
| Il-Ġimgħa27 ta' Marzu | ***Egħluq tal-Eżerċizzi għal Kulħadd***<br>Mis-6:30pm sas-7:30pm -<br>Quddiesa u Adorazzjoni tas-Salib - Talb stil Taizé |
| Il-Ħadd 29 ta' Marzu | **Il-Ħames Ħadd tar-Randan**<br>Fid-9:00am - Quddiesa bil-Preżentazzjoni tat-Tfal li għamlu l-Ewwel Qrara u li qed jiġu ppreparati għall-Ewwel Tqarbina. |